Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2022/0402(CNS)

28.9.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur
(COM(2022)695 final – C9-0002/2023 – 2022/0402(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Robert Biedroń

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fit-8 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta lill-Kunsill għal regolament tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur (2022/0402 (CNS)). Fid-9 ta' Jannar 2023, il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew fir-rigward ta' din il-proposta (COM(2022) 695 final).

L-objettiv tal-proposta huwa li ssaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u ta' drittijiet oħra tat-tfal f'sitwazzjonijiet transfruntieri, inkluż id-dritt tagħhom għall-identità, għan-nondiskriminazzjoni u għall-ħajja privata u tal-familja, u għad-drittijiet ta' suċċessjoni u manteniment fi Stat Membru ieħor, filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tat-tfal bħala kunsiderazzjoni primarja.

Sabiex jiġu indirizzati l-problemi bir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur għall-finijiet kollha u biex jingħalaq id-distakk eżistenti fid-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni qed tipproponi l-adozzjoni ta' regoli tal-Unjoni dwar il-ġuriżdizzjoni internazzjonali dwar l-istat ta' ġenitur (li jiddeterminaw liema qrati tal-Istat Membru huma kompetenti biex jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri) u d-dritt applikabbli (id-deżinjazzjoni tad-dritt nazzjonali li jenħtieġ li tapplika għal kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur, inkluż għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur, f'sitwazzjonijiet transfruntieri), biex imbagħad jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent fi Stat Membru tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor. Il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur li t-tfal (jew ir-rappreżentanti legali tagħhom) jistgħu jitolbu u jużaw biex jipprovdu evidenza tal-istat ta' ġenitur tagħhom fi Stat Membru ieħor.

B'dawn l-objettivi quddiem għajnejha, kif ukoll bil-bosta ostakli u d-distakk eżistenti fid-dritt tal-Unjoni, il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-Parlament Ewropew jenħtieġlu jiżgura li dan ir-rikonoxximent u din l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jiġu kkontemplati adegwatament fir-Regolament imminenti.

Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura li t-tfal igawdu d-drittijiet tagħhom u jżommu l-istatus ġuridiku tagħhom f'sitwazzjonijiet transfruntieri tkun xi tkun is-sitwazzjoni familjari tagħhom u mingħajr diskriminazzjoni, b'mod partikolari, fir-rigward tan-nisa u tal-koppji tal-istess sess, jew b'mod kuntrarju għall-aħjar interessi tat-tfal.
In-nuqqas ta' rikonoxximent min-naħa ta' Stat Membru tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor jaffettwa b'mod partikolari l-familji qawsalla (familji LGBTIQ+) kif ukoll tipi oħra ta' familji li ma jaqblux mal-mudell tal-familja nukleari.

Huwa neċessarju wkoll li jiġi enfasizzat li l-Istati Membri tal-UE jenħtieġ li jirrikonoxxu relazzjoni bejn il-ġenitur u l-wild għall-finijiet li l-wild ikun jista' jeżerċita, mingħajr impedimenti, ma' kull ġenitur, id-dritt ta' moviment u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri kollha kif garantit fl-Artikolu 21(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u l-applikazzjoni ta' tali dritt hija fundamentali biex l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tiġi żgurata.

Skont il-proposta tal-Kummissjoni, il-lista ta' bażijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur hija eżawrjenti, u ssemmi, fost affarijiet oħra, raġunijiet ta' ordni pubbliku. F'dan

ir-rigward, dan għandu jiġi applikat mill-qrati u minn awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri fir-rispett, fl-osservanza u fil-protezzjoni sħaħ tal-prinċipji u tad-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta, b'mod partikolari fl-Artikolu 21 tagħha dwar id-dritt ta' nondiskriminazzjoni. Għaldaqstant, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jkunux jistgħu japplikaw l-eċċezzjoni ta' ordni pubbliku biex jiddiskriminaw kontra n-nisa u l-koppji tal-istess sess u tali eċċezzjoni trid tkun konformi dejjem mal-aħjar interessi tat-tfal kif ukoll tippromwovi tali interessi.

Hemm bżonn impenn qawwi mhux biss min-naħa tal-istituzzjonijiet tal-UE, minn min jieħu d-deċiżjonijiet u mill-NGOs, iżda wkoll mill-Istati Membri biex tinkiseb Ewropa b'ugwaljanza bejn il-ġeneri u biex tiġi eliminata l-inugwaljanza strutturali.

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport:

Emenda 1
Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) L-ordni pubbliku fit-tifsira tar-Regolament irid jiġi interpretat b'mod restrittiv f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Fis-sentenza C-490/20 tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tenniet il-fehma tagħha li "l-kunċett ta' "ordni pubbliku", bħala ġustifikazzjoni għal deroga minn libertà fundamentali għandu jinftiehem b'mod strett, b'tali mod li l-portata tiegħu ma għandhiex tkun stabbilita unilateralment minn kull wieħed mill-Istati Membri mingħajr stħarriġ mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea."

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) It-tfal jiksbu għadd ta' drittijiet mill-istat ta' ġenitur, inkluż id-dritt għall-identità, l-isem, in-nazzjonalità (fejn tkun irregolata mill-ius sanguinis), id-drittijiet ta' kustodja u aċċess tal-ġenituri tagħhom, id-drittijiet ta' manteniment, id-drittijiet ta' suċċessjoni u d-dritt li jkunu rrappreżentati legalment mill-ġenituri tagħhom. In-nuqqas ta' rikonoxximent fi Stat Membru tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor jista' jkollu konsegwenzi negattivi serji fuq id-drittijiet fundamentali tat-tfal u fuq id-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt nazzjonali. Dan jista' jwassal biex il-familji jiftħu kawża għar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur tal-wild tagħhom fi Stat Membru ieħor, għalkemm dawk il-proċedimenti għandhom riżultati inċerti u jinvolvu żmien u kostijiet sinifikanti kemm għall-familji kif ukoll għas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri. Fl-aħħar mill-aħħar, il-familji jistgħu jiġu skoraġġuti milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu minħabba l-biża' li l-istat ta' ġenitur tat-tfal tagħhom ma jiġix rikonoxxut fi Stat Membru ieħor għall-finijiet tad-drittijiet derivati mid-dritt nazzjonali.	(11) It-tfal jiksbu għadd ta' drittijiet mill-istat ta' ġenitur, inkluż id-dritt għall-identità, l-isem, in-nazzjonalità (fejn tkun irregolata mill-ius sanguinis), id-drittijiet ta' kustodja u aċċess tal-ġenituri tagħhom, id-drittijiet ta' manteniment, id-drittijiet ta' suċċessjoni u d-dritt li jkunu rrappreżentati legalment mill-ġenituri tagħhom. In-nuqqas ta' rikonoxximent fi Stat Membru tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor jista' jkollu konsegwenzi negattivi serji fuq id-drittijiet fundamentali tat-tfal u fuq id-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt nazzjonali. Dan jista' jwassal biex il-familji jiftħu kawża għar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur tal-wild tagħhom fi Stat Membru ieħor, għalkemm dawk il-proċedimenti għandhom riżultati inċerti u jinvolvu żmien u kostijiet sinifikanti kemm għall-familji kif ukoll għas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri. Fl-aħħar mill-aħħar, il-familji jistgħu jiġu skoraġġuti milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu minħabba l-biża' li l-istat ta' ġenitur tat-tfal tagħhom ma jiġix rikonoxxut fi Stat Membru ieħor għall-finijiet tad-drittijiet derivati mid-dritt nazzjonali. ***Jekk il-familji jitħallew esklużi mis-sistema li fuqha tinbena s-soċjetà, dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni fil-konfront tat-tfal u ta' familthom: id-dritt għas-sigurtà u d-dritt għad-dinjità tagħhom iridu jiġu difiżi. It-tiċħid tad-dritt li ċerti familji jeżistu jfisser it-tiċħid tad-dinjità tagħhom inkwantu individwi u jmur kontra l-valuri Ewropej tagħna u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. In-nuqqas ta' rikonoxximent min-naħa ta' Stat Membru tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor jaffettwa b'mod partikolari l-familji qawsalla (familji LGBTIQ+) kif ukoll tipi oħra ta' familji li ma jaqblux mal-mudell tal-familja nukleari. Dan huwa speċjalment il-każ meta ma jkun hemm l-ebda rabta bijoloġika bejn il-ġenituri u l-wild. Dan ir-***

Regolament jenħtieġ li jiżgura li t-tfal igawdu d-drittijiet tagħhom u jżommu l-istatus ġuridiku tagħhom f'sitwazzjonijiet transfruntieri tkun xi tkun is-sitwazzjoni familjari tagħhom u mingħajr diskriminazzjoni.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Skont l-Artikolu 21 tat-TFUE u l-leġiżlazzjoni sekondarja relatata miegħu kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rispett tal-identità nazzjonali ta' Stat Membru skont l-Artikolu 4(2) tat-TFUE u l-ordni pubbliku ta' Stat Membru ma jistgħux iservu bħala ġustifikazzjoni biex jirrifjutaw li jirrikonoxxu filjazzjoni bejn it-tfal u l-ġenituri tal-istess sess tagħhom għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet, il-prova tal-istat ta' ġenitur tista' tiġi ppreżentata bi kwalunkwe mezz[52]. Għalhekk, Stat Membru ma huwiex intitolat li jirrikjedi li persuna tippreżenta l-attestazzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament li jakkumpanjaw deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku dwar l-istat ta' ġenitur, jew iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur maħluq minn dan ir-Regolament, fejn il-persuna tinvoka, fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu, drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni. Madankollu, dan jenħtieġ li ma jipprevjenix lil persuna milli tagħżel li tippreżenta f'każijiet bħal dawn ukoll l-attestazzjoni rilevanti jew iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur previst f'dan ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom ikunu infurmati li d-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni ma humiex affettwati minn dan ir-	(14) Skont l-Artikolu 21 tat-TFUE u l-leġiżlazzjoni sekondarja relatata miegħu kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rispett tal-identità nazzjonali ta' Stat Membru skont l-Artikolu 4(2) tat-TFUE u l-ordni pubbliku ta' Stat Membru ma jistgħux iservu bħala ġustifikazzjoni biex jirrifjutaw li jirrikonoxxu filjazzjoni bejn it-tfal u l-ġenituri tal-istess sess tagħhom għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni. ***Ir-rifjut ma jista' qatt imur kontra l-aħjar interessi tat-tfal u l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jiġu rispettati dejjem. Fl-ebda ċirkostanza ma jistgħu l-aħjar interessi tat-tfal jintużaw bħala skuża għar-rifjut abbażi tal-ġeneru tal-ġenituri.*** Barra minn hekk, għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet, il-prova tal-istat ta' ġenitur tista' tiġi ppreżentata bi kwalunkwe mezz[52]. Għalhekk, Stat Membru ma huwiex intitolat li jirrikjedi li persuna tippreżenta l-attestazzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament li jakkumpanjaw deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku dwar l-istat ta' ġenitur, jew iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur maħluq minn dan ir-Regolament, fejn il-persuna tinvoka, fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu, drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni. Madankollu, dan jenħtieġ li ma jipprevjenix lil persuna milli tagħżel li tippreżenta f'każijiet bħal dawn ukoll l-attestazzjoni rilevanti jew iċ-

Regolament, il-forom tal-attestazzjonijiet u taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur anness ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludu dikjarazzjoni li tispeċifika li l-attestazzjoni rilevanti jew iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur ma jaffettwax id-drittijiet li wild igawdi minnhom skont d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, id-drittijiet li wild igawdi skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu, u li, għall-eżerċizzju ta' tali drittijiet, il-prova tal-filjazzjoni tista' tiġi ppreżentata bi kwalunkwe mezz.	Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur previst f'dan ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom ikunu infurmati li d-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni ma humiex affettwati minn dan ir-Regolament, il-forom tal-attestazzjonijiet u taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur anness ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludu dikjarazzjoni li tispeċifika li l-attestazzjoni rilevanti jew iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur ma jaffettwax id-drittijiet li wild igawdi minnhom skont d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, id-drittijiet li wild igawdi skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu, u li, għall-eżerċizzju ta' tali drittijiet, il-prova tal-filjazzjoni tista' tiġi ppreżentata bi kwalunkwe mezz.
[52] Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2002, C-459/99,MRAX, ECLI:EU:C:2002:461, il-punti 61 u 62, u tas-17 ta' Frar 2005, C-215/03,Oulane, ECLI:EU:C:2005:95, il-punti 23 sa 26.	[52] Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2002, C-459/99,MRAX, ECLI:EU:C:2002:461, il-punti 61 u 62, u tas-17 ta' Frar 2005, C-215/03,Oulane, ECLI:EU:C:2005:95, il-punti 23 sa 26.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet tal-qorti u tal-istrumenti awtentiċi dwar kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi regoli ta' ġuriżdizzjoni uniformi għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur b'element transfruntier. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiċċara wkoll id-dritt tat-tfal taħt l-età ta' 18-il sena li għandhom jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom fi proċedimenti li għalihom huma soġġetti.	(36) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet tal-qorti u tal-istrumenti awtentiċi dwar kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi regoli ta' ġuriżdizzjoni uniformi għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur b'element transfruntier. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiċċara wkoll id-dritt tat-tfal taħt l-età ta' 18-il sena li għandhom jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom fi proċedimenti li għalihom huma soġġetti***, kif stabbilit fl-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet***

tat-Tfal.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Meta l-ġuriżdizzjoni ma tkunx tista' tiġi stabbilita abbażi tar-raġunijiet ġenerali ta' ġuriżdizzjoni alternattiva, il-qrati tal-Istat Membru fejn ikun preżenti l-wild jenħtieġ li jkollhom ġuriżdizzjoni. Din ir-regola tal-preżenza jenħtieġ li, b'mod partikolari, tippermetti lill-qrati ta' Stat Membru jeżerċitaw il-ġuriżdizzjoni fir-rigward ta' tfal li huma ċittadini ta' pajjiż terz, inklużi l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jew il-benefiċjarji tal-istess, bħat-tfal ***refuġjati*** u t-tfal li jkunu spostati internazzjonalment minħabba taqlib li jseħħ fl-Istat tar-residenza abitwali tagħhom.	(42) Meta l-ġuriżdizzjoni ma tkunx tista' tiġi stabbilita abbażi tar-raġunijiet ġenerali ta' ġuriżdizzjoni alternattiva, il-qrati tal-Istat Membru fejn ikun preżenti l-wild jenħtieġ li jkollhom ġuriżdizzjoni. Din ir-regola tal-preżenza jenħtieġ li, b'mod partikolari, tippermetti lill-qrati ta' Stat Membru jeżerċitaw il-ġuriżdizzjoni fir-rigward ta' tfal li huma ċittadini ta' pajjiż terz, inklużi l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jew il-benefiċjarji tal-istess, bħat-tfal ***rifuġjati*** u t-tfal li jkunu spostati internazzjonalment ***u l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin*** minħabba taqlib li jseħħ fl-Istat tar-residenza abitwali tagħhom.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Jenħtieġ li l-proċedimenti dwar l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur skont dan ir-Regolament, bħala prinċipju bażiku, jipprovdu lil tfal taħt l-età ta' 18-il sena li jkunu soġġetti għal dawk il-proċedimenti u li jkunu kapaċi jiffurmaw il-fehmiet tagħhom stess, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'opportunità ġenwina u effettiva biex jesprimu l-fehmiet tagħhom u, meta jivvalutaw l-aħjar interessi tal-wild, jenħtieġ li dawk il-fehmiet jingħataw il-piż dovut. Madankollu, jenħtieġ li r-Regolament iħalli f'idejn id-dritt u l-proċedura nazzjonali tal-Istati Membri biex	(49) ***Skont l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Artikolu 24(1) tal-Karta, it-tfal kollha għandhom id-dritt li jesprimu l-fehmiet, is-sentimenti u x-xewqat tagħhom fil-kwistjonijiet kollha li jolqtuhom, u li jkollhom l-opinjonijiet tagħhom meqjusa u meħuda bis-serjetà.*** Jenħtieġ***, għaldaqstant,*** li l-proċedimenti dwar l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur skont dan ir-Regolament, bħala prinċipju bażiku, jipprovdu lil tfal taħt l-età ta' 18-il sena li jkunu soġġetti għal dawk il-proċedimenti u li jkunu kapaċi jiffurmaw il-fehmiet tagħhom stess, f'konformità

jiġi ddeterminat min se jisma' lill-wild u kif il-wild għandu jinstema'. Barra minn hekk, filwaqt li jibqa' dritt tal-wild, is-smigħ tal-wild jenħtieġ li ma jikkostitwix obbligu assolut għalkemm jenħtieġ li jiġi vvalutat filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tal-wild.

mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'opportunità ġenwina u effettiva biex jesprimu l-fehmiet tagħhom u, meta jivvalutaw l-aħjar interessi tal-wild, jenħtieġ li dawk il-fehmiet jingħataw il-piż dovut. Madankollu, jenħtieġ li r-Regolament iħalli f'idejn id-dritt u l-proċedura nazzjonali tal-Istati Membri biex jiġi ddeterminat min se jisma' lill-wild u kif il-wild għandu jinstema'. Barra minn hekk, filwaqt li jibqa' dritt tal-wild, is-smigħ tal-wild jenħtieġ li ma jikkostitwix obbligu assolut għalkemm jenħtieġ li jiġi vvalutat filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tal-wild.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) F'ċirkustanzi eċċezzjonali, kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku jenħtieġ li jippermettu lill-qrati u lill-awtoritajiet kompetenti oħra li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur fl-Istati Membri, jinjoraw ċerti dispożizzjonijiet ta' liġi barranija fejn, f'każ partikolari, l-applikazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-qrati jew awtoritajiet kompetenti oħra jenħtieġ li ma jkunux jistgħu japplikaw l-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku biex iwarrbu d-dritt ta' Stat ieħor meta dan ikun kontra l-Karta u, b'mod partikolari, l-Artikolu 21 tagħha, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni.	(56) F'ċirkustanzi eċċezzjonali, kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku jenħtieġ li jippermettu lill-qrati u lill-awtoritajiet kompetenti oħra li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur fl-Istati Membri, jinjoraw ċerti dispożizzjonijiet ta' liġi barranija fejn, f'każ partikolari, l-applikazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-qrati jew awtoritajiet kompetenti oħra jenħtieġ li ma jkunux jistgħu japplikaw l-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku biex iwarrbu d-dritt ta' Stat ieħor meta dan ikun kontra l-Karta u, b'mod partikolari, l-Artikolu 21 tagħha, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni ***jew imur kontra l-aħjar interessi tat-tfal***. ***Jissottolinja li l-Istati Membri tal-UE jeħtieġ li jirrikonoxxu relazzjoni bejn il-ġenitur u l-wild għall-finijiet li l-wild ikun jista' jeżerċita, mingħajr impedimenti, ma' kull ġenitur, id-dritt ta' moviment u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri kollha kif garantit fl-Artikolu 21(1) tat-Trattat dwar il-***

	Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u l-applikazzjoni ta' tali dritt hija fundamentali biex l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tiġi żgurata. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti ma japplikawx l-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku biex jiddiskriminaw kontra n-nisa u l-koppji tal-istess sess.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 60a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(60a) Bil-għan li tiġi evitata l-frammentazzjoni tar-reġimi ġuridiċi għall-familji transfruntieri, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tfassal mudell ta' ftehim internazzjonali, li jkun msejjes fuq ir-regoli u l-prinċipji ta' dan ir-Regolament u jkun jintuża mill-Istati Membri biex jidħlu f'relazzjonijiet bilaterali mal-pajjiżi terzi fejn ir-rikonoxximent reċiproku tal-istat ta' ġenitur ikun applikat.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(75) Il-kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku jenħtieġ li jippermettu lill-qrati tal-Istati Membri jew lil awtoritajiet kompetenti oħra jirrifjutaw, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, li jirrikonoxxu jew, skont il-każ, jaċċettaw deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku dwar l-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor fejn, f'każ partikolari, tali rikonoxximent jew aċċettazzjoni tkun manifestament	(75) Il-kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku jenħtieġ li jippermettu lill-qrati tal-Istati Membri jew lil awtoritajiet kompetenti oħra jirrifjutaw, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, li jirrikonoxxu jew, skont il-każ, jaċċettaw deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku dwar l-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor fejn, f'każ partikolari, tali rikonoxximent jew aċċettazzjoni tkun manifestament

inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-qrati jew awtoritajiet kompetenti oħra jenħtieġ li ma ***jkunu*** jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu jew, skont il-każ, jaċċettaw deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku maħruġ fi Stat Membru ieħor meta jekk jagħmlu dan ikun kontra l-Karta u, b'mod partikolari, l-Artikolu 21 tagħha, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni.	inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu, il-qrati jew awtoritajiet kompetenti oħra jenħtieġ li ma ***jkunux*** jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu jew, skont il-każ, jaċċettaw deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku maħruġ fi Stat Membru ieħor meta jekk jagħmlu dan ikun kontra l-Karta u, b'mod partikolari, l-Artikolu 21 tagħha, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni***, b'mod partikolari fil-konfront tan-nisa u tal-koppji tal-istess sess, jew imur kontra l-aħjar interessi tat-tfal***.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 99a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(99a) Jissottolinja li n-nuqqas tar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur jista' jinvolvi konsegwenzi dannużi għat-tfal fi ħdan il-familji fid-diversità kollha tagħhom, pereżempju jċaħħadhom mis-suċċessjoni leġittima tagħhom jew mid-dritt tagħhom li wieħed mill-ġenituri jkun rappreżentant legali fi kwistjonijiet bħall-kuri mediċi, l-indukrar tat-tfal u l-edukazzjoni.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 99b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(99b) Jissottolinja li ċerti tipi ta' familji spiss ikollhom iġorru piż biex tiġi aċċertata l-filjazzjoni permezz tas-sistemi ġudizzjarji, bl-ispejjeż legali involuti f'tali proċess. Iċ-ċertezza tad-dritt rigward ir-rikonoxximent se tnaqqas minflok it-tħassib u l-problemi serji li ċerti familji jkollhom jaffrontaw meta jivvjaġġaw jew

jiċċaqalqu fl-UE.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni dwar il-ġuriżdizzjoni u d-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur fi Stat Membru f'sitwazzjonijiet transfruntieri; regoli komuni għar-rikonoxximent jew, skont il-każ, l-aċċettazzjoni fi Stat Membru ta' deċiżjonijiet tal-qorti dwar l-istat ta' ġenitur mogħtija, u strumenti awtentiċi dwar l-istat ta' ġenitur mfassla jew irreġistrati, fi Stat Membru ieħor; u joħloq Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni dwar il-ġuriżdizzjoni u d-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur fi Stat Membru f'sitwazzjonijiet transfruntieri; regoli komuni għar-rikonoxximent jew, skont il-każ, l-aċċettazzjoni fi Stat Membru ta' deċiżjonijiet tal-qorti dwar l-istat ta' ġenitur mogħtija, u strumenti awtentiċi dwar l-istat ta' ġenitur mfassla jew irreġistrati, fi Stat Membru ieħor; u joħloq Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur. ***Dawn ir-regoli għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għan-natura jew għat-tip ta' familja jew għall-każijiet ta' adozzjoni stabbiliti fi Stat Membru, minnaħa ta' ġenitur wieħed jew tat-tnejn.***

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. "stat ta' ġenitur" tfisser ***il-filjazzjoni*** stabbilita ***fid-dritt***. Dan jinkludi l-istatus ***legali*** li wieħed ikun il-wild ta' ġenitur jew ta' ġenituri partikolari;	1. "stat ta' ġenitur" tfisser ***ir-relazzjoni bejn wild u ġenitur*** stabbilita ***fil-liġi***. Dan jinkludi l-istatus ***ġuridiku*** li wieħed ikun il-wild ta' ġenitur jew ta' ġenituri partikolari; *(Din l-emenda, tapplika fit-test kollu. L-adozzjoni tagħha tirrikjedi tibdil korrispondenti fit-test kollu.)*

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament għandu l-għan li jissalvagwardja d-drittijiet tat-tfal derivati mill-fatt li l-wild

għandu ġenitur u l-istat ta' ġenitur hija stabbilita fil-liġi. Din l-emenda għandha l-għan li tirrifletti aħjar dan l-approċċ iċċentrat fuq it-tfal.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għan-natura jew għat-tip ta' familja jew għall-każijiet ta' adozzjoni stabbiliti fi Stat Membru, min-naħa ta' ġenitur wieħed jew tat-tnejn.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-paragrafu 1 għandu jiġi applikat mill-qrati u minn awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri ***f'konformità mad-drittijiet fundamentali*** u ***l-prinċipji*** rikonoxxuti fil-Karta, b'mod partikolari fl-Artikolu 21 tagħha dwar id-dritt ta' nondiskriminazzjoni.	2. Il-paragrafu 1 għandu jiġi applikat mill-qrati ***indipendenti*** u minn awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri ***fir-rispett, fl-osservanza u fil-protezzjoni sħaħ tal-prinċipji*** u ***tad-drittijiet fundamentali*** rikonoxxuti fil-Karta, b'mod partikolari fl-Artikolu 21 tagħha dwar id-dritt ta' nondiskriminazzjoni***, u fl-ebda ċirkostanza ma jistgħu jintużaw bħala skuża għal diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru tal-ġenituri. Ir-rifjut ma jista' qatt imur kontra l-aħjar interessi tat-tfal u l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jiġu rispettati dejjem.***

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jekk tali rikonoxximent ikun manifestament kuntrarju għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru li fih ir-rikonoxximent ikun invokat, wara li jiġu kkunsidrati ***l-interessi*** tal-wild;	(a) jekk tali rikonoxximent ikun manifestament kuntrarju għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru li fih ir-rikonoxximent ikun invokat, wara li jiġu kkunsidrati ***u protetti dejjem l-aħjar interessi*** tal-wild;

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jekk tali rikonoxximent ikun manifestament kuntrarju għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru li fih ir-rikonoxximent ikun invokat, wara li jiġu kkunsidrati l-interessi tal-wild;	(a) jekk tali rikonoxximent ikun manifestament kuntrarju għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru li fih ir-rikonoxximent ikun invokat, wara li jiġu kkunsidrati ***u protetti dejjem*** l-interessi tal-wild; ***Fl-ebda ċirkostanza ma jistgħu l-aħjar interessi tat-tfal jintużaw bħala skuża għar-rifjut abbażi tal-ġeneru tal-ġenituri.***

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ordni pubbliku ***imsemmi*** fil-paragrafu 1 għandu jiġi applikat mill-qrati u minn awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri ***b'osservanza tad-drittijiet*** u ***l-prinċipji*** fundamentali stabbiliti fil-Karta, b'mod partikolari l-Artikolu 21 tagħha dwar id-dritt ta' nondiskriminazzjoni.	2. L-ordni pubbliku ***msemmi*** fil-paragrafu 1 għandu jiġi applikat mill-qrati u minn awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri ***fir-rispett, fl-osservanza*** u ***fil-protezzjoni sħaħ tal-prinċipji u tad-drittijiet*** fundamentali stabbiliti fil-Karta, b'mod partikolari l-Artikolu 21 tagħha dwar id-dritt ta' nondiskriminazzjoni ***u għaldaqstant għandu jirrispetta d-drittijiet tan-nisa u tal-koppji tal-istess sess. Għandu jkun konformi dejjem mal-aħjar interessi tat-tfal kif ukoll jippromwovi tali***

interessi.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) iċ-ċertifikat għandu jkun disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE u bil-braille u juża lingwaġġ newtrali mil-lat tal-ġeneru.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 70 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [***5*** snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża evalwazzjoni ta' kwalunkwe problema prattika li wieħed ***jiltaqa'*** magħha, appoġġat minn informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun hemm bżonn, minn proposta leġiżlattiva.	1. Sa [***tliet*** snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża evalwazzjoni ta' kwalunkwe problema prattika li wieħed ***ikun iltaqa'*** magħha, appoġġat minn informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun hemm bżonn, minn proposta leġiżlattiva.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 70 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) in-numru ta' rikorsi għal rifjut ta' rikonoxximent ta' deċiżjoni tal-qorti jew ta' strument awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti fl-Istat	(a) in-numru ta' rikorsi għal rifjut ta' rikonoxximent ta' deċiżjoni tal-qorti jew ta' strument awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti fl-Istat

Membru ta’ oriġini skont l-Artikolu 32, u n-numru ta’ kawżi li fihom ikun ingħata r-rifjut tar-rikonoxximent;	Membru ta’ oriġini skont l-Artikolu 32, u n-numru ta’ kawżi li fihom ikun ingħata r-rifjut tar-rikonoxximent ***kif ukoll ir-raġunijiet li fuqhom rikors għal rifjut ta’ rikonoxximent ikun ingħata, kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31 ta’ dan ir-Regolament***;

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur
Referenzi	COM(2022)0695 – C9-0002/2023 – 2022/0402(CNS)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 16.1.2023
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	FEMM 16.1.2023
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Robert Biedroń 19.9.2023
Rapporteur għal opinjoni preċedenti	Margarita de la Pisa Carrión
Eżami fil-kumitat	26.6.2023 19.7.2023
Data tal-adozzjoni	19.9.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 –: 6 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Christine Anderson, Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Annika Bruna, Maria da Graça Carvalho, Margarita de la Pisa Carrión, Gwendoline Delbos-Corfield, Rosa Estaràs Ferragut, Lina Gálvez Muñoz, Lívia Járóka, Arba Kokalari, Alice Kuhnke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Karen Melchior, Johan Nissinen, Maria Noichl, Carina Ohlsson, Pina Picierno, Evelyn Regner, Diana Riba i Giner, Eugenia Rodríguez Palop, María Soraya Rodríguez Ramos, Maria Veronica Rossi, Christine Schneider, Sylwia Spurek
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Silvia Modig, Eleni Stavrou, Hilde Vautmans
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Laura Ballarín Cereza, Martin Hojsík

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

26	+
PPE	Isabella Adinolfi, Maria da Graça Carvalho, Rosa Estaràs Ferragut, Arba Kokalari, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Christine Schneider, Eleni Stavrou
Renew	Abir Al-Sahlani, Martin Hojsík, Karen Melchior, María Soraya Rodríguez Ramos, Hilde Vautmans
S&D	Laura Ballarín Cereza, Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Lina Gálvez Muñoz, Maria Noichl, Carina Ohlsson, Pina Picierno, Evelyn Regner
The Left	Silvia Modig, Eugenia Rodríguez Palop
Verts/ALE	Gwendoline Delbos-Corfield, Alice Kuhnke, Diana Riba i Giner, Sylwia Spurek

6	-
ECR	Johan Nissinen, Margarita de la Pisa Carrión
ID	Christine Anderson, Annika Bruna, Maria Veronica Rossi
NI	Lívia Járóka

0	0

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni